6 ta' April, 1959

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Nutar Dr. Giuseppe Sammut

*versus*

Dottor John J. Cremona ne.

**Qorti ta' Reviżjoni tal-Attijiet Notarili — Nutar — Dokumenti — Boll — Riċevuta — Art. 87 (b), 9(1) (2) (b), 32(1), u 100 tal-Kap. 68.**

*L-irċevuta tal-ħlas ta' taxxa mhix suġġetta għall-boll tal-oriġini, u għalhekk mhix bollabbli bħala riċevuta meta jsir użu minnha billi tiġi mdaħħla f'att publiku. Iżda, meta skrittura jew att simili jiġi użat billi jiġi mdaħħal f'att publiku bħala dokument, huwa suġġett għall-boll ta' sold għal kull faċċata. B'mod li n-nutar li jirċievi u jippubblika att notarili, wara li jkun ħallas direttament fl-Uffiċċju tal-Inland Revenue t-taxxa tal-boll li għaliha kien suġġett dak l-att, u ma' dak l-att idaħħal bħala dokument dik l-irċevuta tal-ħlas tat-taxxa dovuta fuq dak l-att, jikkommetti kontravvenzjoni għall-liġi tal-boll jekk huwa ma jwaħħalx boll ta' sold fuq dik l-irċevuta.*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni tal-Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni tal-Attijiet Notarili tal-31 ta' Ottubru 1958, li biha r-rikorrent Dr. Sammut ġie misjub ħati talli fuq dokument anness mal-att numru 166 tas-sena 1955 ma waħħalx boll ta' sold bi ksur tal-art. 32(1) (2) u 100 tal-Kapitlu 68 tal-Liġijiet, u ġie kundannat għall-penali ta' 2s.6d.;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li appella kontra dik id-deċiżjoni, u talab ir-revoka tagħha u l-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u penali;

Rat ir-risposta tal-Attorney General, li wieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma, peress

li r-riċevuta hija mdaħħla fl-att publiku, u għalhekk hija soġġetta għall-boll skond l-art. 100 tal-Kap. 68; u barra minn dan, l-irċevuta hija dokument anness mal-kuntratt daqs kwalunkwe dokument ieħor, tant li nħass il-bżonn li jingħad fil-liġi li ma kellhiex għalfejn tiġi firmata mill-partijiet u li għandha tiġi sospiża l-paġinazzjoni;

Rat l-attijiet tal-kawża u semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant irċieva u ppublika bħala nutar l-att notarili numru 166 tas-sena 1955, u wara ħallas direttament fl-Uffiċċju tal-Inland Revenue t-taxxa tal-boll li għaliha kien suġġett dak l-att. Ma' dak l-att huwa waħħal l-irċevuta tal-ħlas tat-taxxa tal-boll, mingħajr ma żied fuq dik l-irċevuta bolla ta' sold; u kien għal din l-ommissjoni li huwa ġie mwaħħal il-penali;

Ikkunsidrat;

Illi l-irċevuta ta' ħlas ta' taxxa skond l-art. 87(b) tal-Kap. 68 tal-Liġijiet mhix suġġetta għall-boll mill-oriġini, u għalhekk, skond l-art. 9 (1) (2) (b) tal-istess Liġi, mhix bollabbli bħala riċevuta meta jsir użu minnha billi tiġi mdaħħla f'att publiku. Iżda, skond l-art. 100 ta' dik il-Liġi, meta att jew kitba simili jiġi użat skond l-art. 9(2) (b) fuq imsemmi, jiġifieri imdaħħal f'att publiku, dak l-att jew kitba huwa suġġett bħala dokument għall-boll ta' sold għal kull faċċata. L-irċevuta hija wkoll kitba skond id-definizzjoni mogħtija fl-art. 83 tal-Liġi fuq imsemmija. Huwa veru li skond l-art. 28 (1) (g) tal-Kap. 92 tal-Liġijiet, kif emendat bl-art. 2 tal-Att XII tal-1955, l-irċevuta tiġi mwaħħla ma' l-att notarili, u mhux imdaħħla fih, u titwaħħal wara li l-att ikun ġa sar kompletament; iżda f'dak il-kontest tal-liġi l-kelma "mwaħħla" u l-kelma "mdaħħla" għandhom l-istess sinifikat u valur legali, għax il-liġi stess, bl-emenda tal-Att XII tal-1955, tgħid li dik l-irċevuta għandha tiġi kunsidrata bħala formanti parti mill-att notarili, u minħabba fiha tiġi sospiża l-paġinazzjoni tal-att. 'U ladarba, skond il-liġi, l-irċevuta mwaħħla mal-att tifforma parti ntegrali

tal-att, hija ssir att riċevut minn nutar, b'mod li għaliha jsir applikabbli, bl-użu li jsir minnha, l-art. 32 (1) tal-Kap. 68 tal-Liġijiet;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell tal-appellant Nutar Sammut, u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant Nutar Dr. Giuseppe Sammut.